**Laqgħa Reġjonali Nru. 26 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Bjorn Bonello | | Segretarju Eżekuttiv |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Dale Hayman | Imtarfa | Membru |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 25
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Approvazjoni tar-rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena (Q3 )
   - 5.2 Ingaġġ ta’ impjegati ġodda
   - 5.3 Inizjattivi soċjali u team building
   - 5.4 Punti oħra ta’ diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-17:30 ta’ filgħaxija.

## 1. Ittri ta’ Apoloġija

Il-President informa li l-Viċi President, Dr Angelo Micallef, jinsab skużat, u s-Sindku Dale Hayman huwa assenti mill-laqgħa.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.25

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 25 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-sindku Gabriel Micallef, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

## 3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President

### 3.1 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Wara s-suċċess tal-attivitajiet li saru f’Settembru, bi pjaċir qiegħed jiġi rrappurtat li fl-ewwel sena ta’ dan il-proġett ipparteċipaw u bbenefikaw aktar minn 500 parteċipant, fosthom anzjani, adulti, żgħażagħ, individwi bi bżonnijiet speċjali, nies inattivi u l-pubbliku ġenerali.
Bejn l-20 u t-22 ta’ Ottubru, ġew Malta 30 rappreżentant minn organizzazzjonijiet (partners) fil-proġett, li ġew mill-Greċja, il-Portugall u l-Italja. Għalihom ġie ppreparat programm estensiv ta’ tlett ijiem li kien jinkludi wirjiet kulturali u attivitajiet sportivi.

Saret ukoll laqgħa li għaliha ġew mistiedna s-sindki u s-segretarji eżekuttivi. Grazzi speċjali tmur lis-Sindku tal-Mosta u lis-Sindku ta' San Pawl il-Baħar li sabu il-ħin jiltaqaw mar-rappreżentanti.

Bħalissa qed issir evalwazzjoni tal-proġett, u l-ħidma ser tkompli sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti u tissaħħaħ il-bażi li nbniet din is-sena. L-attivitajiet relatati mal-proġett huma ppjanati li jerġgħu jsiru fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru 2026.

Qiegħed jintalab li l-Kunsilli Lokali jipprovdu lista tal-għaqdiet sportivi kollha fi ħdan il-lokalità.

**3.2 Aġġornament – European Week of Regions and Cities 2025.**

Il-President informa li ż-żjara tad-delegati li attendew l-European Week of Regions and Cities 2025 fi Brussell kienet suċċess. Huwa skuża ruħu mal-membri tal-Kunsill li, minħabba impenji tax-xogħol, ma setax jattendi għall-ġranet kollha ta' dan l-avveniment. Minħabba l-ispejjeż għoljin relatati mal-kanċellazzjoni, ittieħdet id-deċiżjoni li deputata Segretarju Eżekuttiv tirrappreżenta lir-Reġjun f'dawk il-ġranet li fihom il-President kien assenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mad-Deputat mhux biss attendew il-workshops relatati mal-European Week of Regions and Cities, iżda wkoll il-laqgħa tal-Interreg Euro-MED Programme – Green Living Areas Mission (15/10–16/10), kif ukoll laqgħa mal-Municipal Waste Europe. F'din tal-aħħar kemm is-Sindki Censu Galea u Paul Vella kienu preżenti. Ġew diskussi u maqbula l-parametri biex jinkisbu fondi għal konferenza dwar l-iskart, li d-dettalji tagħha se jingħataw aktar tard f'din il-laqgħa.

**3.3 Aġġornament – Municipal Waste Europe**

Matul iż-żjara f'Brussell waqt l-EU Week of Regions and Cities, is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden jattendi laqgħa mal-Municipal Waste Europe. Għal din il-laqgħa, li saret fi Brussell, attendew ukoll is-sindki Censu Galea u Paul Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u id-deputat.

Matul il-laqgħa ġew diskussi diversi temi relatati mar-riċiklaġġ, il-ġbir tal-iskart, u l-isfidi li qed jiffaċċjaw pajjiżi żgħar f'dan il-qasam.

Il-membri ġew informati li ser tiġi organizzata konferenza internazzjonali li għaliha r-Reġjun Tramuntana ser jieħu ħsieb il-loġistika. Il-konferenza ser tkun miftuħa għal madwar 60 parteċipant, kemm minn pajjiżi barranin (Gżejjer żgħar fl-Ewropa) kif ukoll Maltin, u ser issir fit-tieni ġimgħa ta' Frar,

bejn is-16 u d-19 ta’ Frar. Il-programm jinkludi ġurnata ta’ konferenza u ġurnata jew tnejn ta’ site visits.

L-ispejjeż relatati ma’ din il-konferenza ser ikunu r-responsabbiltà tal-organizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea mill programm TAIEX. Aktar dettalji jingħataw aktar il-quddiem

**3.4 Komunikazzjoni - Mobilta Attiva u Sostenibli**

Kull Kunsill Lokali rċieva ċirkulari numru CIR AKL/Regjun 19/2025 relatata mal-European Mobility Week, li tistieden lill-Kunsilli japplikaw għal fondi għal inizjattivi marbuta mal-mobilità attiva u sostenibbli. Inħeġġukom biex tapplikaw u, fejn meħtieġ, titolbu l-għajnuna tar-Regjun.

**3.5 Komunikazzjoni –CIR AKL 2025/066 Enemlata - Street Lighting Retrofitting Project**

Il-President staqsa lill-membri sabiex jipprovdu dettalji sħaħ tal-ispejjeż imħallsa għall-bdil jew tisswija ta’ bozoz u affarijiet relatati, kif ukoll l-ammonti mħallsa lill-inġinier għas-snin 2023, 2024 u 2025.

**3.6 Komunikazzjoni – Adventure and Nature Therapy - Team Building**

Irċevejna proposta għal attività ta’ team building minn Adventure and Nature Therapy. Ser isiru diskussjonijiet sabiex tinkiseb aktar informazzjoni.

**3.7 Komunikazzjoni – Clean Up - Riviera**

Reġjun Tramuntana rċieva proposta minn No To Plastic Malta għal attività ta’ tindif fi tmiem Novembru jew l-ewwel tmiem il-ġimgħa ta’ Diċembru, qabel jibdew l-attivitajiet tal-Milied. L-inizjattiva se ssir b’kollaborazzjoni ma’ Raniero’s Adventures u Din l-Art Ħelwa Mellieħa.
L-oqsma ewlenin li għandhom jitnaddfu jinkludu ż-żona taħt il-parkeġġ (li se tkun immaniġġjata minn min qed jorganizza) u ż-żoni bis-siġar u l-għelieqi opposti, li jistgħu jitnaddfu mill-pubbliku ġenerali.
Ir-Reġjun huwa mitlub:

- Jikkunsidra l-involviment tad-Divisjoni tal-manutenzjoni u l- indafa pubblika biex jiġi evitat l-użu ta’ skip minħabba l-ispiża għolja tiegħu.
- Jipprovdi ingwanti protettivi, pickers u nuċċalijiet tas-sigurtà għall-parteċipanti.
- Jassisti bil-provvista ta’ ilma, u tinda għall-voluntiera.
- Jirriserva spazji għall-parkeġġ ħdejn iż-żona tat-tindif.
- Jippromwovi l-attività taħt l-isem ta’ Reġjun Tramuntana u jikkunsidra li jagħti donazzjoni lill-organizzazzjonijiet involuti bħala appoġġ għall-ħidma tagħhom matul is-sena.

Il-proponenti qed jissuġġerixxu li jsir żjara fuq il-post biex jiġu diskussi l-loġistika u l-pjanar tal-attività.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li r-Reġjun jgħati l-assistenza tiegħu f'din l-inizjattiva bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali rispettivi.

### 3.8 Komunikazzjoni – APS Community Outreach and Health Directorate

Ir-Reġjun irċieva żewġ korrispondenzi separati fejn qed jintalab jidentifika swali jew spazji magħluqa li jistgħu jakkomodaw madwar għoxrin persuna, sabiex isiru sessjonijiet miftuħa għall-pubbliku.

L-ewwel sessjoni, organizzata taħt il-programm "Health Promotion and Disease Prevention" 'Piż Tajjeb Tul Ħajtek'., hija mfassla fuq tmien ġimgħat. It-tieni sessjoni, organizzata mill-APS, hija ta' darba u tiffoka fuq kollaborazzjoni komunitarja dwar l-edukazzjoni finanzjarja (Financial Literacy).

### 3.9 Komunikazzjoni – Inizjativi European Week for Waste reduction 2025

Ir-Regjun irċieva stedina sabiex jippreżenta proposti għall-European Week of Waste Reduction 2025. It-tema ta' din is-sena hija WEEE Waste – skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Ir-Regjun qed jinkoraġġixxi lil min għandu ideat sabiex jissottomettihom, u ser jiġu esplorati diskussjonijiet jew kollaborazzjonijiet mal-PRO (Producer Responsibility Organisation) biex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet xierqa għall-ġbir u t-trattament ta' apparat mobbli u cellulari.

### 3.10 Komunikazzjoni – Laptop Attard

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard esprima interess biex jinxtara l-laptop Mac mingħand ir-Reġjun. F'dan ir-rigward, ġiet mibgħuta invoice ta' €1900, skont id-deprezzament mill-prezz oriġinali ta' €3185.
Kien hemm qbil unanimu.

### 3.11 Komunikazzjoni – Ftehim dwar Ħlasijiet Bin-Nifs mill-Kunsilli Lokali lejn ir-Regjun

Ir-Regjun informa li fil-jiem li ġejjin ser jitqassam kuntratt proforma, li permezz tiegħu ser jiġu stabbiliti ftehimiet mal-Kunsilli Lokali rispettivi li għadhom ma daħlux f'ftehim dwar il-ħlas tal-fondi dovuti għas-snin 2023 u 2024 li jaqbez il €250,000.

**3.12 Komunikazzjoni – Open Water Swimming**

Qed issir talba mill-Aquatic Sport Association sabiex issir laqgħa mar-Reġjun, bil-għan li tingħata assistenza finanzjarja għal waħda minn serje ta' tlielaq tal-għawm (open water swimming). Id-dettalji relatati ma' din l-inizjattiva ser jiġu kkomunikati aktar 'il quddiem.

**3.13 Aġġornament – CCTVs, Traffic Studies -**

Saru numru ta' talbiet minn Kunsilli Lokali għal studji dwar it-traffiku, li r-Reġjun laqa' b'entużjażmu. Bħala parti minn serje ta' studji li kienu diġà bdew fis-snin preċedenti, ser jinxtara tagħmir li jiswa mhux aktar minn €4000, li jinkludi, fost l-oħrajn, żewġ kameras CCTV li jistgħu jiġu armati u żarmati.

Dawn il-kameras ser jitwaħħlu għal ġimagħtejn sħaħ u mbagħad jiġu żarmati sabiex tkompli l-analiżi. Ir-Reġjun ser jipprova jiffinanzja dan it-tagħmir permezz tal-inizjattivi tal-European Mobility Week.

Wara diskussjoni bejn il-membri, fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella ssekondat mil-Kunsillier Norbert Dalli kien hemm qbil unanimu.

**3.14 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun**

B'referenza għall-punt numru 3.15 tal-laqgħa preċedenti, il-President informa li t-talba għal laqgħa mad-Direttur Ġenerali ntbagħtet kif kien maqbul mis-Segretarju Eżekuttiv. Sal-lum, ir-Reġjun għadu ma rċieva l-ebda risposta dwar din it-talba.

Saret talba għal laqgħa mal-PROs dwar il-"Bring-in Sites" u proposta ta' proġett pilota li jintroduċi sistema ta' ġbir ta' borża griża li tkun taħt il-kontroll esklussiv tar-Reġjun. Għalkemm din tibqa' proposta informali, l-għan tagħha hu li tnaqqas il-pressjoni fuq il-Kunsilli Lokali li, minħabba limitazzjonijiet fiċ-ċentri urbani tagħhom, ma jistgħux jipprovdu "Bring-in Sites". Dan ukoll fid-dawl ta' statistika li turi tnaqqis fil-popolarità ta' dawn is-siti fejn huma preżenti.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija ulterjuri.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Approvazjoni tar-rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena (Q3 )**

Ġie ppreżentat u diskuss ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena (Q3), kif mibgħut mill-accountant tar-Reġjun.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, ssekondat mis-Sindku Pawlu Vella kien hemm qbil li r-rapport Q3 jiġi approvat hekk kif preżentati.

**5.2 Ingaġġ ta’ impjegati ġodda**

B’referenza għall-punt 3.10 tal-laqgħa preċedenti, il-President informa li saru l-interviews għall-pożizzjoni ta’ Reġistratur (Skala 10) u għall-pożizzjoni ta’ Uffiċjal Amministrattiv (Skala 10). Skont il-proċess u l-evalwazzjoni tal-membri tal-bord tal-ingagg, ġie maqbul u deċiż li ż-żewġ applikanti, waħda għal kull post vakanti, jiġu impjegati mar-Reġjun Tramuntana.

**Applikazzjonijiet għal Pożizzjonijiet ta’ Clerk (Skala 15)**

Ir-Reġjun irċieva izjed minn 40 applikazzjoni għal żewġ pożizzjonijiet vakanti ta’ Clerk (Skala 15). Wara verifika tal-applikazzjonijiet li waslu, is-Segretarju għażel dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti mitluba. Għaldaqstant, jeħtieġ li tinstab data sabiex isiru l-interviews għal dawn il-postijiet vakanti. Ġie maqbul li d-data għal interviews ser tkun nhar l-Erbgħa 19 ta’ Novembru 2025 fis-sghatejn ta’ wara nofs in-nhar.

**5.3 Inizjattivi soċjali u team building**

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat diversi imejls lill-organizzazzjonijiet fi ħdan ir-Reġjun sabiex jinforma ruħu dwar l-attivitajiet soċjali li ser isiru fil-lokalitajiet tar-Reġjun matul il-perjodu tal-Milied, bl-għan li tiġi promossa solidarjetà ma’ dawk fil-bżonn. Ir-Reġjun jemmen, kif għamel is-sena li għaddiet, li l-ispirtu tal-Milied u l-identità reġjonali jitolbu sforz kollettiv biex ngħinu lir-residenti fil-lokalitajiet tagħna li jistgħu jkunu għaddejjin minn żminijiet diffiċli.

Għaldaqstant, nerġa’ nħeġġeġ lill-membri kollha sabiex, jekk jaqblu, nippubblikaw sejħa pubblika fuq il-mezzi soċjali biex min jixtieq iħalli donazzjonijiet ta’ preserves, ġugarelli, u ħwejjeġ ta’ kwalità tajba fil-Kunsilli rispettivi u fl-Uffiċċju tar-Reġjun. Barra minn hekk, jiġi ffissat baġit ta’ €1600 sabiex jinxtraw prodotti essenzjali tal-ikel li jingħataw lill-għaqdiet tal-Kunsilli rispettivi bħala parti minn din l-inizjattiva ta’ għajnuna karitatevoli.

**5.4 Punti oħra ta’ diskussjoni**

Ma kien hemm l-ebda punt ulterjuri ta’ diskussjoni

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 193 għall-perjodu bejn it-13 ta’ Settembru 2025 u l-23 ta’ Ottubru 2025.

L-iskeda msemmija ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Stefan Cordina, issekondata mis-Sindku Paul Vella , u l-membri qablu unanimement.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.30 ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar nhar l-Erbgħa 19 ta’ Novembru 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta’ Reġjun Tramuntana .

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Erbgħa 19 ta’ Novembru 2025